**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DEĊIŻJONI NUMRU 2851**

**Illum 05 ta' Ottubru, 2022**

**Chairperson: Dr Charmaine Cristiano Grech**

Każ Numru: 3748/CCG

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

Bejn

**Andrew Axiaq (097989M), Colin Bonnici (350189M), Keith Bugeja 288791M), Mark Philip Cassar(498891M), Bernard Cutajar (311491M), Luka Fenech (531191M), Joseph Galea (444261M), Ray Magri (436158M), Marisa Micallef (249691M), Mioara Roventa (0060387A), Mark Savona (579488M), Elena Schembri (083319L), Glen Slattery 367094M), Keon Vella (432677M) U b'digriet datat 09 ta' Frar, 2022 Jamie Luke Bartolo (K.I. 125196M), Emanuel Parascandalo (K.I.0184789M), Mark Defelice (K.l. 136297M), Gordon Lungaro (K.l. 539290M), Aaron Demanuele (K.l. 0221897M) u Christian Ioan Panzariu (K.l. 0216221L) ġew awtorizzati jintervjenu fil-każ *in statu et terminis.***

**U**

**L-Awtorità għat-Trasport f'Malta**

Dwar: allegata diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors dwar allegazzjoni ta' allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju u/jew bi ksur tal-liġi.

**PRELIMINARI:**

Ir-rikorrenti Andrew Axiaq, Colin Bonnici, Keith Bugeja, Mark Philip Cassar, Bernard Cutajar, Luka Fenech, Joseph Galea, Ray Magri, Marisa Micallef, Mioara Roventa, Mark Savona, Elena Schembri, Glen Slattery u Keon Vella ippreżentaw rikors quddiem dan it-Tribunal fejn indikaw illi huma lkoll impjegati mal-awtorità intimata fuq bażi full-time għal żmien indefinit fi ħdan id-Direttorat għall-Bastimenti Merkantili.

Ir-rikorrenti jisħqu li huma lkoll membri fi ħdan il-General Workers Union (GWU), u li jeżisti ftehim kollettiv iffirmat mill-istess f'Novembru 2017, iżda saru jafu fi Frar 2018 li xi impjegati oħra kienu msieħba fi ħdan il-UHM Voice of the Workers (UHM), u kienu waslu għal ftehim kollettiv ieħor bi proviżjonijiet iktar vantaġġjużi fis-sens ta' *allowances* u *performance bonuses* f'żieda totali ta' madwar €7,800 fis-sena, oltre żidiet oħra fil-paga. Ir-rikorrenti jindikaw li filwaqt li l-GWU kienu ottjenew l-approvazzjoni tal-*Industrial Relations Unit (People and Standards Division)* (IRU), il-UHM ma għamlitx dan għall-ftehim kollettiv tagħha. Il-GWU irreġistrat tilwima tax-xogħol fit-13 ta' Frar 2018 abbażi ta' diskriminazzjoni abbażi ta' sħubija mal-GWU, iżda l-ftehim kollettiv tal-UHM ġie ffirmat xorta waħda ftit taż-żmien wara. Għaldaqstant ir-rikorrenti jisħqu li tnieda perjodu kontinwu ta' diskriminazzjoni bejn imġjegati ta' livell ugwali. Diskussjonijiet bejn il-GWU u l-awtorità intimata ma taw l-ebda frott u b'hekk tnediet il-kwistjoni odjerna.

Ir-rikorrenti b'hekk jitolbu lit-Tribunal:

1. Jiddikjara li l-awtorità intimata aġixxiet b'mod diskriminatorju u arbitrarju fil-konfront tal-esponenti lkoll membri tal-GWU bi ksur tal-artikoli 26(1)(b) u 26(2)(b) tal-Kap 452;
2. Jiddikjara illi l-awtorità intimata għandha taġixxi b'mod uniformi mal-impjegati kollha abbażi tal-prinċipju ta' rata ugwali għal xogħol ta' valur ugwali ai termini tal-artikolu 27 tal-Kap 452;
3. Jordna lill-awtorità intimata tipprovdi l-istess benefiċċji lill-esponenti bħal dawk mogħtija lill-membri tal-UHM;

4. Jiddikjara illi l-awtorità intimata għandha tħallas arretrati ta' beneficċji u ħlasijiet imħallsa bin-nieqes lill-esponenti;
5. Jillikwida tali beneficċji u ħlasijiet oħra mhux imħallsa lill-esponenti;
6. Jikkundanna lill-awtorità intimata tħallas lill-esponenti is-somma likwidata fit-talba preċedenti;

Fir-risposta tagħha, l-awtorità intimata tiddikjara illi fit-tilwima industrijali tal-GWU minn dejjem uriet nuqqas ta' qbil mal-materja tat-tilwima, u fl-aħħarnett ma ntlaħqitx soluzzjoni aċċettabli għall-partijiet kollha, u tisħaq li r-rikorrenti m'għandhomx raġun fl-argumenti tagħhom abbażi ta' ftehim kollettiv li kien iffirmat u konkluż, u tgħid ukoll illi r-rikorrenti huma skorretti meta jsostnu li hemm trattament differenti bejn persuni fl-istess skali għaliex il-paragun ma jreġix, u l-ftehim kollettiv ħa konjizzjoni tax-xogħol u r-responsabbiltajiet tal-ħaddiem ikkonċernati, u li l-ftehim kollettiv qed jiġi onorat. Għaldaqstant l-awtorità intimata titlob lit-Tribunal issib li ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni u b'hekk tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) ta' Kap. 452 ma kienx possibli li l-każ jinstema' u jinqata' kif inhu stipulat fl-Att.

**Sinteżi tax-xhieda**

Ir-rikorrenti ppreżentaw affidavit ta' **Colin Bonnici,** li ddikjara li huwa impjegat mat-Transport Malta (l-awtorità intimata) fid-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili bħala *Flag and Port State Control Inspector,* fi grad maniġerjali B, u dan sa minn April tal-2014. Ix-xhud jgħid li f'xogħlu huwa jispezzjona vapuri għall-konformità mal-liġi u xogħol ieħor relatat, u huwa involut f'reviews dwar diżinji ta' vapuri li jġorru l-bandiera Maltija. Fil-qadi ta' dmirijietu, ix-xhud juża' l-mobile personali, u kultant anke l-vettura personali tiegħu. Ix-xhud jgħid li japplika lilu l-ftehim kollettiv tal-GWU tal-2017, u sar jaf bil-pakkett aktar favorevoli offrut lil kollegi oħra meta ġie infurmat bih mis-shop stewards tiegħu. Jgħid li l-awtorità intimata ma riditx tatihom allowance ekwivalenti tal-oħrajn, iżda qaltilhom setgħu jingħatawlhom biss jekk jinqalbu fuq bażi ta' shift, filwaqt li l-ħaddiema membri tal-UHM (Grad Maniġerjali A

fir-Reġistru, Grad Maniġerjali A, B u C fid-Dipartiment tal-Policy and Legislation, u Grad Maniġerjali B fid-Dipartiment ta' Portijiet u Yachts) ma kienux jaħdmu fuq bażi ta' shift u jaħdmu strettament fil-binja tal-awtorità intimata u lanqas jużaw mobiles jew vetturi personali fil-qadi ta' dmirijiethom. Taħt kontro eżami, meta x-xhud ġie mistoqsi dwar kemm-il darba ħareġ fuq inspections tal-vapuri, huwa qal li jkollu madwar tnejn fix-xahar u xi darba fis-sena waħda minnhom tinserta wara l-ħin tax-xogħol, u żied ukoll li isiefer fuq xogħol tal-anqas darba fis-sena għall-konferenzi tal-IMO. Jgħid ukoll li n-numru tiegħu mhuwiex pubblikament disponibbli fuq websites, address books jew business cards. Mistoqsi dwar it-teleworking kurrenti, ix-xhud wieġeb li jaħdmu ġimgħa mill-uffiċċju u ġimgħa mid-dar, fejn sintendi l-karozza m'hemmx għalfejn jużaha biex imur ix-xogħol. Ix-xhud jgħid ukoll li meta jmur il-port għall-ispezzjonijiet normalment jużaw il-karozzi tal-awtorità intimata.

Ir-rikorrenti ppreżentaw affidavit ta' **Keith Bugeja,** li ddikjara li huwa impjegat mat-Transport Malta (l-awtorità intimata) fid-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili bħala *Flag and Port State Control Inspector,* fi grad maniġerjali B, u dan sa minn Diċembru tal-2012. Ix-xhud jgħid li f'xogħlu jispezzjona vapuri għall-konformità mal-liġi u xogħol ieħor relatat, huwa responsabbli tal-jottijiet kummerċjali bil-bandiera Maltija u barranija. Fil-qadi ta' dmirijietu, ix-xhud juża' l-mobile personali, inkluż data, anke f'ħinijiet mhux tax-xogħol, u kultant anke l-vettura personali tiegħu. Ix-xhud jgħid li japplika lilu l-ftehim kollettiv tal-GWU tal-2017, u anke kien involut fin-negozjar tiegħu ma' Keon Vella u Charles Galea, fejn fil-laqgħat kien ikun hemm preżenti dejjem l-IRU, il-PACBU u l-HR tal-awtorità intimata, li hija entità governattiva. Ix-xhud jgħid li l-proposti mressqa li ġew irrifjutati mill-awtorità intimata jinkludi performance bonus, market corrector allowance (forma ta' responsibility allowance u disturbance allowance) u żieda fil-paga. Taħt kontro eżami, ix-xhud jgħid li n-numru tiegħu mhuwiex pubblikament disponibbli fuq websites, address books jew business cards, u li fin-normalità juża' t-trasport provdut mill-awtorità intimata, minkejja li kultant ikun hemm eċċezzjoni fejn juża' l-vettura personali, li minn bejn tletin u ħamsin darba li joħroġ f'sena, użaha madwar tlett darbiet. Hemm karozza waħda bejn ħamsa u għoxrin spettur, u x-xufiera jieqfu fit-tlieta.

Ir-rikorrenti ppreżentaw affidavit ta' **Mark Philip Cassar,** li ddikjara li huwa impjegat mat-Transport Malta (l-awtorità intimata) fid-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili bħala *Flag and Port State Control Inspector,* fi grad maniġerjali B, u dan sa minn

Ottubru tal-2015, filwaqt li okkupa l-kariga ta’ shop steward bejn Jannar u Frar tal-2018. Ix-xhud jgħid li f’xogħlu huwa jispezzjona vapuri għall-konformità mal-liġi u xogħol ieħor relatat, u huwa involut f’reviews dwar diżinji ta’ vapuri li jġorru l-bandiera Maltija. Fil-qadi ta’ dmirijietu, ix-xhud juża’ l-mobile personali, u kultant anke l-vettura personali tiegħu. Ix-xhud jgħid li japplika lilu l-ftehim kollettiv tal-GWU tal-2017, u sar jaf bil-pakkett aktar favorevoli offrut lil kollegi oħra membri tal-UHM meta l-UHM żammet laqgħa għall-impjegati kollha dwar dan, fejn tħabbru l-iskemi tal-pagi u allowances, inkluż communication allowance u responsibility allowance lill-membri kollha tal-UHM. Wara dan, intervjeniet il-GWU u x-xhud kien preżenti f’tali laqgħat, fejn id-diriġenza irrifjutaw li jingħataw dawn l-allowances lill-impjegati l-oħra, iżda talbuhom iżidu s-siegħat tax-xogħol u jinqelbu fuq sistema ta’ shift biex jibbenefikaw minnhom, filwaqt li l-ħaddiema membri tal-UHM (Grad Maniġerjali A fir-Reġistru, Grad Maniġerjali A, B u C fid-Dipartiment tal-Policy and Legislation, u Grad Maniġerjali B fid-Dipartiment ta’ Portijiet u Yachts) ma kienux jaħdmu fuq bażi ta’ shift u jaħdmu strettament fil-binja tal-awtorità intimata u lanqas jużaw mobiles jew vetturi personali fil-qadi ta’ dmirijiethom. Taħt kontro eżami, ix-xhud jgħid li n-numru tiegħu mhuwiex pubblikament disponibbli fuq address books jew business cards jew fl-email signature, u li fin-normalità juża’ t-trasport provdut mill-awtorità intimata, minkejja li kultant ikun hemm eċċezzjoni fejn juża’ l-vettura personali, madwar nofs id-drabi.

Ir-rikorrenti ppreżentaw affidavit ta’ **Bernard Cutajar,** li ddikjara li huwa impjegat mat-Transport Malta (l-awtorità intimata) fid-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili bħala *Flag and Port State Control Inspector,* fi grad maniġerjali B, u dan sa minn Novembru tal-2015. Ix-xhud jgħid li f’xogħlu jispezzjona vapuri għall-konformità mal-liġi u xogħol ieħor relatat, huwa responsabbli tal-jottijiet kummerċjali bil-bandiera Maltija u barranija. Fil-qadi ta’ dmirijietu, ix-xhud juża’ l-mobile personali, inkluż data, anke f’ħinijiet mhux tax-xogħol, u kultant anke l-vettura personali tiegħu. Ix-xhud jgħid li japplika lilu l-ftehim kollettiv tal-GWU tal-2017. Ġie infurmat minn Andrew Axiaq u Mark Philip Cassar li nżammet laqgħa mill-UHM fejn ġew diskussi proposti ta’ skali ta’ pagi u allowances, u l-ftehim kollettiv ġie ffirmat f’2018, u li l-pakkett tal-membri tal-GWU kien ħafna inqas favorevoli minn dawk tal-UHM. Taħt kontro eżami, ix-xhud jgħid li n-numru tiegħu mhuwiex pubblikament disponibbli fuq address books jew business cards, u li fin-normalità juża’ t-trasport provdut mill-awtorità intimata, minkejja li kultant ikun hemm eċċezzjoni fejn juża’ l-vettura

personali, li minn bejn tletin u ħamsin darba li joħroġ f'sena, użaha ftit drabi ("waħdiet").

Ir-rikorrenti ppreżentaw affidavit ta' **Luka Fenech,** li ddikjara li huwa impjegat mat-Transport Malta (l-awtorità intimata) fid-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili bħala *Flag and Port State Control Inspector,* fi grad maniġerjali B, u dan sa minn Novembru tal-2015. Ix-xhud jgħid li f'xogħlu huwa jispezzjona vapuri għall-konformità mal-liġi u xogħol ieħor relatat, u huwa involut f'reviews dwar diżinji ta' vapuri li jġorru l-bandiera Maltija. Fil-qadi ta' dmirijietu, ix-xhud kultant juża l-vettura personali tiegħu. Ix-xhud jgħid li japplika lilu l-ftehim kollettiv tal-GWU tal-2017. Ix-xhud jgħid li japplika lilu l-ftehim kollettiv tal-GWU tal-2017, u sar jaf bil-pakkett aktar favorevoli offrut lil kollegi oħra meta ġie infurmat bih mis-shop stewards tiegħu, u minkejja li ma kienx preżenti fil-laqgħat ta' bejn id-diriġenza u l-GWU dejjem kien infurmat li kien hemm gentleman's agreement li l-arranġament tal-UHM mhux se jkun aħjar minn dak tal-GWU, u li tal-GWU ingħataw il-massimu possibli. Ix-xhud jgħid li d-diriġenza irrifjutaw li jingħataw dawn l-allowances lill-impjegati l-oħra, iżda talbuhom iżidu s-siegħat tax-xogħol u jinqelbu fuq sistema ta' shift biex jibbenefikaw minnhom, filwaqt li l-ħaddiema membri tal-UHM ma kienux jaħdmu fuq bażi ta' shift. Taħt kontro eżami, ix-xhud jgħid li n-numru tiegħu mhuwiex pubblikament disponibbli fuq address books jew business cards, u li fin-normalità juża' t-trasport provdut mill-awtorità intimata, minkejja li kultant ikun hemm eċċezzjoni fejn juża' l-vettura personali, li mill-15-il darba li ħareġ uża l-vettura personali madwar darbtejn, partikolarment jekk ikun jaf li se jdum għax ma jiħdux gost li żżomm il-karozza tax-xogħol wara l-ħin. Ix-xhud qal li mhux dejjem jinforma lis-superjuri tiegħu jekk se juża l-vettura personali għaliex issa saret normali. Jgħid li qatt ma talab fuel reimbursement, u li ma kienx jaf bil-formola sabiex ir-rimborż jintalab.

Ir-rikorrenti ppreżentaw affidavit ta' **Joseph Galea,** li ddikjara li huwa impjegat mat-Transport Malta (l-awtorità intimata) fid-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili bħala Technical Compliance Superintendent, fi grad maniġerjali A, u ilu jokkupa dil-kariga għal 5 snin minkejja li ilu imjpegat mal-awtorità intimata sa mill-1999. Ix-xhud jgħid li f'xogħlu huwa jieħu ħsieb il-programm ta' spezzjonijiet tal-vapuri li jtajru bandiera Maltija u li regolarment jattendi audits, u sikwit jiġi kkuntattjat barra l-ħin tax-xogħol. Ix-xhud jgħid li ajpplika lilu l-ftehim kollettiv tal-GWU tal-2017 stante li huwa membru tal-istess, minkejja li ma kienx involut fid-diskussjonijiet. Sar jaf bil-pakkett

tal-UHM fi Frar tal-2018, u jgħid li l-awtorità intimata kienet taċċetta tatihom l-istess pakkett jekk jaqblu jaħdmu fuq sistema ta' shift, tant li ntalbu jippreparaw roster iżda infurmaw lid-diriġenza li m'humiex jaqblu. Il-ħaddiema membri tal-UHM ma kienux jaħdmu fuq bażi ta' shift u qatt ma kien ikollhom joħorġu mill-bini tal-awtorità intimata filwaqt li x-xhud u sħabu kellhom joħorġu spiss u jkunu anke disponibbli fuq bażi 24/7 għall-emerġenzi. Taħt kontro eżami, ix-xhud jgħid li n-numru tiegħu mhuwiex pubblikament disponibbli fuq address books jew business cards.

Ir-rikorrenti ppreżentaw affidavit ta' **Raymond Magri,** li ddikjara li huwa impjegat mat-Transport Malta (l-awtorità intimata) fid-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili bħala *Flag and Port State Control Inspector,* fi grad maniġerjali B, għal 17-il sena, filwaqt li ilu impjegat mal-awtorità intimata għal 24 sena. Ix-xhud jgħid li f'xogħlu jispezzjona vapuri għall-konformità mal-liġi u xogħol ieħor relatat, huwa responsabbli tal-jottijiet kummerċjali bil-bandiera Maltija u barranija, u jassisti fir-reklutaġġ ukoll. Fil-qadi ta' dmirijietu, ix-xhud jużа' l-mobile personali, inkluż data, anke f'ħinijiet mhux tax-xogħol, u kultant anke l-vettura personali tiegħu. Ix-xhud jgħid li japplika lilu l-ftehim kollettiv tal-GWU tal-2017, għaliex huwa membru tal-istess. Jgħid li kien preżenti f'laqgħa tal-GWU mal-awtorità intimata li serviet ta' medjazzjoni għal kompromess wara li saru jafu bil-pakkett aktar vantaġġjuż tal-UHM, wara li sar jaf b'dan minn Keith Bugeja wara laqgħa tal-UHM fejn il-pakkett ġie mħabbar, li kien aktar favorevoli minn dak tal-membri ta' Technical Grades tal-GWU. Tkellem max-shop stewards Keith Bugeja u Keon Vella dwar il-pakkett tal-ftehim kollettiv tal-GWU fejn l-awtorità intimata irrifjutat li tati allowances, bonuses u pagi ogħla, iżda kienet ikkonfermat li ma kienx se jkun hemm impjegati fl-istess gradi b'kundizzjonijiet aħjar minnhom. Il-membri tal-UHM kienu se jingħataw communication allowance, responsibility allowance, performance bonus sa 10%, disturbance allowance ta' 15%, fuel allowance ta' 100 litru fix-xahar u car cash allowance fissa. Il-GWU intervjeniet f'isem il-membri tagħha iżda l-awtorità riedet li x-xhud u sħabu jinqalbu fuq bażi ta' shift. Ix-xhud jgħid li din kienet ammissjoni indiretta mill-awtorità intimata illi kien hemm diskrepanzi bejn il-ftehim kollettivi tant li kważi waslu għal qbil. Il-GWU ordnat tlett azzjonijiet industrijali li ġew sospiżi abbażi ta' qbil potenzjali li baqa' ma sarx. Ix-xhud jgħid li diversi opportunitajiet ta' impjieg f'dipartimenti oħra fi skali maniġerjali B u C ma jirrikjedux kwalifiki ta' MQF Level 6 bħalma għandu hu, iżda jġorru paga u allowances ogħla minn tiegħu. Ix-xhud

jgħid li l-ħaddiema membri tal-UHM (Grad Maniġerjali A fir-Reġistru, Grad Maniġerjali A, B u C fid-Dipartiment tal-Policy and Legislation, u Grad Maniġerjali B fid-Dipartiment ta' Portijiet u Yachts) ma kienux jaħdmu fuq bażi ta' shift u jaħdmu strettament fil-binja tal-awtorità intimata u lanqas jużaw mobiles jew vetturi personali fil-qadi ta' dmirijiethom, iħda xorta waħda jibbenefikaw minn shift allowances. Ix-xhud jinsisti li dan juri nuqqas ta' apprezzament ta' xogħlu u ta' dak ta' sħabu. Taħt kontro eżami, ix-xhud jgħid li n-numru tiegħu mhuwiex pubblikament disponibbli fuq email signature jew business cards, u li fin-normalità juża' t-trasport provdut mill-awtorità intimata.

Ir-rikorrenti ppreżentaw affidavit ta' **Marisa Micallef,** li ddikjarat li hija impjegata mat-Transport Malta (l-awtorità intimata) fid-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili bħala *Flag and Port State Control Inspector,* fi grad maniġerjali B, u dan minn Novembru tal-2015. Ix-xhud tgħid li f'xogħolha hija tispezzjona vapuri għall-konformità mal-liġi u xogħol ieħor relatat, u tieħu ħsieb spezzjonijiet li jkunu saru barra minn Malta, u anke vapuri li ma jaqgħux taħt regolamenti internazzjoni rigward vapuri tal-passiġġieri li għadhom qed jew se jinbnew. Fil-qadi ta' dmirijietha, ix-xhud tuża' l-mobile personali, u kultant anke l-vettura personali tagħha. Ix-xhud tgħid li japplika lilha l-ftehim kollettiv tal-GWU tal-2017, u saret taf bil-pakkett aktar favorevoli offrut lil kollegi oħra membri tal-UHM meta l-UHM żammet laqgħa għall-impjegati kollha dwar dan, fejn tħabbru l-iskemi tal-pagi u allowances, inkluż communication allowance u responsibility allowance lill-membri kollha tal-UHM. Ix-xhud tgħid li x-shopstewards li kienu preżenti kkonfermaw li ċertu affarjiet tal-pakkett tal-UHM kienu ġew diskussi fin-negozjati tal-GWU iħda ma ġewx aċċettati mill-awtorità intimata. Il-membri tal-UHM kellhom jirċievu communication allowance u responsibility allowance. Wara dan, intervjeniet il-GWU u x-xhud kien preżenti f'tali laqgħat, fejn id-diriġenza irrifjutaw li jingħataw dawn l-allowances lill-impjegati l-oħra, iżda talbuhom iżidu s-siegħat tax-xogħol u jinqelbu fuq sistema ta' shift biex jibbenefikaw minnhom, filwaqt li l-ħaddiema membri tal-UHM (Grad Maniġerjali A fir-Reġistru, Grad Maniġerjali A, B u C fid-Dipartiment tal-Policy and Legislation, u Grad Maniġerjali B fid-Dipartiment ta' Portijiet u Yachts) ma kienux jaħdmu fuq bażi ta' shift u jaħdmu strettament fil-binja tal-awtorità intimata u lanqas jużaw mobiles jew vetturi personali fil-qadi ta' dmirijiethom.

Ir-rikorrenti ppreżentaw affidavit ta' **Mioara Roventa,** li ddikjarat li hija impjegata mat-Transport Malta (l-awtorità intimata) fid-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili bħala *Flag and Port State Control Inspector,* fi grad maniġerjali B, u dan minn April tal-2015, avolja kienet ilha impjegata sa minn Jannar tal-2013. F'xogħolha hija responsabbli għall-konformità tal-vapuri li jidħlu f'Malta mal-liġijiet, liema xogħol jirrikjedi li anke titla' fuq il-bastimenti, u kultant tuża l-vettura personali u anke l-mobile personali fil-qadi ta' dmirijietha. Ix-xhud tgħid li japplika lilha l-ftehim kollettiv tal-GWU. Fi Frar tal-2018 saret taf li l-kollegi membri tal-UHM kienu se jingħataw communication allowance, responsibility allowance, performance bonus sa 10%, disturbance allowance ta' 15%, fuel allowance ta' 100 litru fix-xahar u car cash allowance ta' €2,500, fis-sena. Kienet informata illi filwaqt li l-ftehim kollettiva tal-GWU tal-2017 ġie approvat mill-IRU, dan ma kienx il-każ għall-ftehim tal-UHM. Hija kienet informata illi d-diriġenza irrifjutaw li jingħataw dawn l-allowances lill-impjegati l-oħra, iżda talbuhom iżidu s-siegħat tax-xogħol u jinqelbu fuq sistema ta' shift biex jibbenefikaw minnhom, filwaqt li l-ħaddiema membri tal-UHM (Grad Maniġerjali A fir-Reġistru, Grad Maniġerjali A, B u C fid-Dipartiment tal-Policy and Legislation, u Grad Maniġerjali B fid-Dipartiment ta' Portijiet u Yachts) ma kienux jaħdmu fuq bażi ta' shift u jaħdmu strettament fil-binja tal-awtorità intimata u lanqas jużaw mobiles jew vetturi personali fil-qadi ta' dmirijiethom. Taħt kontro eżami, ix-xhud tgħid li n-numru tagħha mhuwiex pubblikament disponibbli fuq address books jew business cards, u li fin-normalità tuża' t-trasport provdut mill-awtorità intimata, iżda spiss tuża tagħha stess peress li tgħix Marsaskala u tinqala' spezzjoni hi u ssuq lejn ix-xogħol Ħal Lija.

Ir-rikorrenti ppreżentaw affidavit ta' **Mark Savona,** li ddikjara li huwa impjegat mat-Transport Malta (l-awtorità intimata) fid-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili bħala *Flag and Port State Control Inspector,* fi grad maniġerjali B, u dan sa minn April tal-2014. F'xogħlu huwa responsabbli għall-konformità tal-vapuri li jidħlu f'Malta mal-liġijiet, liema xogħol jirrikjedi li anke jitla' fuq il-bastimenti, u anke li jqis il-kwalifiki tal-baħħara u l-rekwiżiti tal-baħħara fuq il-bastimenti. Ix-xhud jgħid li fil-qadi ta' dmirijietu spiss juża l-vettura personali u l-mobile personali. Ix-xhud jgħid li bħala membru tal-GWU japplika għalih il-ftehim kollettiv tal-GWU. Fi Frar tal-2018 sar jaf li l-kollegi membri tal-UHM kienu se jingħataw allowances u ħlas aħjar minn tagħhom. Huwa kien informat illi d-diriġenza irrifjutaw li jingħataw dawn l-allowances lill-impjegati l-oħra, iżda talbuhom iżidu s-siegħat tax-xogħol u jinqelbu fuq sistema ta'

shift biex jibbenefikaw minnhom, filwaqt li l-ħaddiema membri tal-UHM (Grad Maniġerjali A fir-Reġistru, Grad Maniġerjali A, B u C fid-Dipartiment tal-Policy and Legislation, u Grad Maniġerjali B fid-Dipartiment ta' Portijiet u Yachts) ma kienux jaħdmu fuq bażi ta' shift u jaħdmu strettament fil-binja tal-awtorità intimata u lanqas jużaw mobiles jew vetturi personali fil-qadi ta' dmirijiethom.

Ir-rikorrenti ppreżentaw affidavit ta' **Elena Schembri,** li ddikjarat li hija impjegata mat-Transport Malta (l-awtorità intimata) fid-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili bħala *Flag and Port State Control Inspector,* fi grad maniġerjali B, u dan minn Jannar tal-2013. F'xogħolha hija responsabbli għall-konformità tal-vapuri li jidħlu f'Malta mal-liġijiet, liema xogħol jirrikjedi li anke titla' fuq il-bastimenti, u kultant tuża l-vettura personali u anke l-mobile personali fil-qadi ta' dmirijietha. Tgħid li l-pożizzjoni tagħha tirrikjedi kwalifiki għolja u filfatt hija inġinier. Ix-xhud tgħid li japplika lilha l-ftehim kollettiv tal-GWU u li meta dan ġie iffirmat l-awtorità intimata informat lill-impjegati li dan kien l-aqwa pakkett li setgħet tati, minkejja li kellha r-riżervi tagħha, u ġew informati li rigward il-performance bonus, jekk kellu jogħla għal ħaddieħor fl-istess grad, tagħhom kellu 'ovjament' jiżdied ukoll. . Fi Frar tal-2018 saret taf li l-kollegi membri tal-UHM kienu se jingħataw pakkett ta' salarju wisq aħjar minn tal-ftehim tal-GWU. Kienet informata illi filwaqt li l-ftehim kollettiva tal-GWU tal-2017 ġie approvat mill-IRU, dan ma kienx il-każ għall-ftehim tal-UHM. Hija kienet informata illi d-diriġenza irrifjutaw li jingħataw dawn l-allowances lill-impjegati l-oħra, iżda talbuhom iżidu s-siegħat tax-xogħol u jinqelbu fuq sistema ta' shift biex jibbenefikaw minnhom, filwaqt li l-ħaddiema membri tal-UHM (Grad Maniġerjali A fir-Reġistru, Grad Maniġerjali A, B u C fid-Dipartiment tal-Policy and Legislation, u Grad Maniġerjali B fid-Dipartiment ta' Portijiet u Yachts) ma kienux jaħdmu fuq bażi ta' shift u jaħdmu strettament fil-binja tal-awtorità intimata u lanqas jużaw mobiles jew vetturi personali fil-qadi ta' dmirijiethom. Ix-xhud tgħid li diversi opportunitajiet ta' impjieg f'dipartimenti oħra fi skali maniġerjali B ma jirrikjedux kwalifiki bħal tagħha, iżda jġorru paga u allowances ogħla minn tagħha minkejja li jkollhom inqas responsabbiltajiet minnha. Taħt kontro eżami, ix-xhud tgħid li n-numru tagħha mhuwiex pubblikament disponibbli fuq address books jew business cards, u li jekk ma tkunx ħierġa ma' kollega tuża' l-vettura personali għaliex ma tafx issuq manual.

Ir-rikorrenti ppreżentaw affidavit ta' **Glen Slattery,** li ddikjara li huwa impjegat mat-Transport Malta (l-awtorità intimata) fid-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili bħala

*Flag and Port State Control Inspector,* fi grad maniġerjali B, u dan minn Ottubru 2017. Ix-xhud jgħid li f'xogħlu huwa jispezzjona vapuri għall-konformità mal-liġi u xogħol ieħor relatat, u huwa involut f'reviews dwar diżinji ta' vapuri li jġorru l-bandiera Maltija. Fil-qadi ta' dmirijietu, ix-xhud juża' l-mobile personali, u kultant anke l-vettura personali tiegħu. Ix-xhud jgħid li japplika lilu l-ftehim kollettiv tal-GWU tal-2017 bħala membru tal-GWU. Sar jaf li taħt il-ftehim kollettiv tal-UHM il-kollegi membri tal-UHM kienu se jingħataw communication allowance, responsibility allowance, performance bonus sa 10% (filwaqt li skont il-ftehim kollettiv tal-GWU tasal sa 5% biss), disturbance allowance ta' 15%, fuel allowance ta' 100 litru fix-xahar u car cash allowance ta' €2,500, fis-sena. Intervjent mill-GWU sabiex l-impjegati kollha jingħataw dawn l-allowances b'mod indaqs ma waslu mkien, iżda x-xhud jgħid li d-diriġenza iżidu s-siegħat tax-xogħol u jinqelbu fuq sistema ta' shift biex jibbenefikaw minnhom. Taħt kontro eżami, ix-xhud jgħid li n-numru tiegħu mhuwiex pubblikament disponibbli fuq address books jew business cards, u li fin-normalità juża' t-trasport provdut mill-awtorità intimata, minkejja li kultant ikun hemm eċċezzjoni fejn juża' l-vettura personali.

Ir-rikorrenti ppreżentaw affidavit ta' **Keon Vella,** li ddikjara illi huwa impjegat fid-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili bħala *Safety Coordinator (Technical)* fejn ilu madwar sentejn, fejn qabel qatta' 3 snin bħala *Technical Compliance Superintent,* u qabel dan bħala *Flag & Port State Control Inspector (Manager Grade B)* għal madwar 8 snin. Tali rwol ġie kkreat fl-2012 bħala *Manager Grade A.* Fl-irwol kurrenti tiegħu huwa jikkoordina x-xogħol tal-MSD Technical Department u jaqdi dmirijiet fuq il-flotta Maltija, u jassisti lic-Chief Officer u s-Senior Manager fuq materji tekniċi, u jiddikjara li anke jkun disponibbli barra l-ħin tax-xogħol. Ix-xhud jgħid li huwa Shop Steward tal-GWU u jirrappreżenta lill-Managerial Grade A, sa mill-2015, u ħa sehem fin-negozjati tal-ftheim kollettiv tal-GWU, li japplika għalih. Diversi proposti inklużi li l-massimu tal-performance bonus jogħla imnn 5% għal 10% ġew irrifjutati bil-wegħda li jekk iż-żieda tingħata lil ħaddieħor, tingħata lilhom ukoll.

Ix-xhud jgħid li f'dan l-istadju ittieħdet azzjoni industrijali sakemm intlaħaq qbil mal-awtorità intimata dwar il-materja in kwistjoni. Ix-xhud jgħid li l-ħaddiema membri tal-UHM (Grad Maniġerjali A fir-Reġistru, Grad Maniġerjali A, B u C fid-Dipartiment tal-Policy and Legislation, u Grad Maniġerjali B fid-Dipartiment ta' Portijiet u Yachts) ma kienux jaħdmu fuq bażi ta' shift u jaħdmu strettament fil-binja tal-awtorità intimata u lanqas jużaw mobiles jew vetturi personali fil-qadi ta' dmirijiethom.

Xehed **Charles (Carmelo) Galea,** li kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju tat-Taqsima Professjonisti, Finanzi u Servizzi tal-GWU bejn l-2014 u l-2019, u kien jirrappreżenta lit- technical grades tal-VTS u tad-Dipartiment tal-Bastimenti Merkantili u l-awtorità intimata irrikonoxxiet lill-GWU bħala l-union tad-Dipartiment Tekniku fi ħdan id-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili u l-VTS, u dan fl-2013. Fl-2016 bdew laqgħat mal-IRU u l-People and Standards OPM, li jrid ikun neċessarjament involut fil-ftehim kollettiv (l-ewwel wieħed tal-GWU mal-awtorità intimata). Jispjega li dan il-ftehim kien speċjalizzat għall-impjegati tat-technical grades li kien jirrappreżenta l-union, li jkunu inġiniera (baċellerat) jew kaptani b'esperjenza, b'kwalifiki speċjalizzati ferm, u jkunu responsabbli għall-ispezzjonar tal-vapuri mil-lat tekniku filwaqt li tali individwi faċli jsibu impjieg band' oħra allura kien hemm rieda li jiġu aċevolati. Ix-xhud jgħid li l-GWU kien konxju li l-UHM kienet qed tinnegozja l-ftehim ġdid tagħha iżda kellhom imexxu biex jagħlqu. Ix-xhud jagħti rendikont tat-talbiet magħmula waqt in-negozjati tal-GWU, inkluż għal żiedet u allowances, fejn ħafna affarjiet anke sempliċi ma ġewx milqugħa, bħal talba għal flessibiltà fix-xogħol, bir-raġuni li dak li jingħata lil dawn l-impjegati tekniċi irid jingħata lil kulħadd, u filfatt l-ordni kienet li dan il-ftehim kollettiv jibqa' mistur minn min ma japplikax għalih. Ix-xhud jgħid li kienu diġà jeżistu policies interni fuq transport allowance, communication allowance u sistema ta' promozzjonijiet, li kienu jingħataw lil min ikollu bżonnhom, u l-GWU ma kienx involut fihom u b'hekk lanqas kellhom għalfejn jiġu imdaħħla fil-ftehim kollettiv, bħalma hija l-prassi regolari, u filfatt dawn ma kinux inklużi fil-ftehim kollettiv preċedenti tal-UHM lanqas, u b'hekk ma ssemmewx fil-ftehim kollettiv tal-GWU tal-2017. Il-ftehim kollettiv ġie ffirmat fl-2017, u minkejja li l-IRU saħqu li l-ftehim kollettiv tal-UHM ma kienx se jissupera l-ftehim tal-GWU, fl-2018 ix-xhud ġie infurmat li sar ftehim kollettiv għall-membri tal-UHM li japplika għall-impjegati tan-non overtime grade u mhux dawk speċjalizzati, b'pakkett ferm iktar vantaġġjuż, inkluż differenza ta' €500 fil-pagi. Ix-xhud ikkonferma li l-IRU ma kienx involut fin-negozjati, u intant kienu qalulu li l-ftehim kollettiv ma kienx se jiġi ffirmat mingħajr il-kunsens tagħhom (li intant ma attendewx għal-laqgħa tal-UHM għax inżammet f'festa pubblika), u l-ftehim lanqas għadda minn taħt il-Ministeru tal-Finanzi, bħalma sar b'dak tal-GWU. L-allowances tal-ftehim tal-UHM bdew jingħataw anke lil member tal-UHM li lanqas joħorġu mill-uffiċċju fuq xogħol, ma jużawx vetturi personali u lanqas mobile personali għax-xogħol, u għandhom responsabbiltajiet inqas mill-membri tal-MSD (Merchant Shipping Directorate) u tal-VTS (Vessel Traffic Service). L-allowances bdew jingħataw anke lil individwi li ma kellhomx bżonnhom, u

ammontaw għal eluf ta' Ewro fis-sena kull wieħed. Ix-xhud jinnota speċifikament li s-supervisors tal-VTS ma kinux jaqgħu strettament taħt l-ewwel ftehim kollettiv tal-UHM, iżda meta kienu jiġu promossi f'tali rwol kienu jiġu informati li kienu ekwiparati ma' Manager Level C ai fini ta' paga, iżda meta ħareġ il-ftehim kollettiv tal-2018 tal-UHM, ma ingħatawx l-allowances inklużi fih għaliex tqiesu li ma kinux Managers Level C fil-verità, iżda l-ekwiparazzjoni saret biss għad-determinazzjoni tal-paga. B'hekk il-GWU bdiet diskussjonijiet dwar dan. Saru wkoll diversi direttivi u azzjonijiet industrijali, u laqgħat ta' konċiljazzjoni, li waqfu mal-wegħda li jintlaħaq kompromess. Misotqsi dwar tali kompromess, ix-xhud jgħid li ma kienx hemm intenzjoni li jinbidel il-ftehim kollettiv tal-GWU li kien ġie ffirmat u konkluż, iżda biss li l-ħaddiema membri tal-GWU jingħataw l-istess allowances li ingħataw impjegati oħra taħt il-ftehim kollettiv tal-UHM.

Taħt kontro eżami, ix-xhud spjega li l-market corrector hija forma ta' allowance li tippermetti li l-pagi jibqgħu fl-iskali stabbiliti miċ-ċivil, iżda tippermetti varjazzjoni f-dħul totali ta' impjegat maċ-ċivil sabiex il-paga globali tkun aktar attraenti, partikolarment għall-professjonisti li ma jkunux sodisfatti bl-iskali tal-pagi taċ-ċivil. Meta mistoqsi kif il-ħaddiema tal-GWU u tal-UHM jistgħu jingħadu li jaqgħu taħt l-istess gradi, huwa spjega kif huma jkunu klassifikati minn Manager A sa D, skont il-grad, iżda l-GWU xtaq li l-ħaddiema tekniċi membri tiegħu jaġevolawhom stante l-irwol importanti tagħhom, iżda permezz tal-ftehim kollettiv tal-UHM waslu fi stat fejn lanqas biss jaqblilhom jieħdu l-piż ta' rwol tekniku u mhux ta' Manager.

Xehdet **Roberta Cilia,** Senior Manager Human Resources tal-awtorità intimata. Ix-xhud tgħid li fit-taħdidiet dwar il-ftehim kollettiv tal-UHM kien hemm involuti rappreżentanti tal-awtorità intimata, ic-Chief Officer Coprorate Services u s-Senior Manager HR, flimkien mal-IRU u rappreżentanti tal-UHM. Tgħid li fir-rekords tal-ftehim, approvazzjoni tal-IRU ma jirriżultax li hemm, iżda l-kontenut ta' kull ftehim qed jiġi segwit, inkluż dak tal-GWU tat-technical grades. Tgħid li qabel tali impjegati ħadu dal-grad taħt il-ftehim kollettiv il-ġdid tal-GWU, kienu jaqgħu taħt grad maniġerjali B taħt il-ftehim kollettiv tal-UHM. Ix-xhud tgħid li fl-HR ikun jafu liema impjegati huma membri ta' liem union minħabba l-obbligu tac-check off tal-paga. Ix-xhud tgħid li l-allowances bejn il-ftehim kollettivi tal-GWU u tal-UHM ivarjaw. Ippreżentat dokument li juri s-skali ta' salarji u allowances f'kull ftehim kollettiv tal-awtorità intimata.

Xehed **Anthony Azzopardi,** rappreżentant tad-DIER, u ddikjara illi ftehim kollettiv jiġi ddepożitat fid-dipartiment skont il-liġi iżda l-istess dipartiment mhux obbligat iwettaq skrutinju tiegħu. Id-dipartiment lanqas ma huwa involut fit-taħdidiet.

Xehed **Thomas Woods,** head tal-IRU ġewwa l-OPM. Fir-rigward ta' ftehim kollettiv mhux tal-gvern, l-IRU jassistu fin-negozjati ta' ftehim kollettiv partikolarment dwar materji finanzjarji. Jiddikjara illi mal-UHM l-IRU qatt ma ltaqa', iżda biss mar-rappreżentanti tal-awtorità intimata. Ix-xhud jgħid li wara t-taħdidiet indunaw li l-ftehim kollettiv kien jinkludi affarjiet li l-IRU ma kienx approva. Id-diskrepanzi kienu ta' varjazzjonijiet fis-salarji massimi approvati, u anke l-fatt li l-performance bonuses iddaħħlu bl-istess rati lil kulħadd, u anke ingħatat transport allowance mhux approvata. Meta jiġri hekk l-IRU jista' jirtira l-poter lil awtorità bħal dik intimata li tiddeċiedi fuq aspetti finanzjarji għaliex il-parir tal-IRU għandu jiġi segwit. Jikkonferma madankollu li l-IRU m'huwiex firmatarju ta' dan il-ftehim kollettiv.

Xehed permezz ta' affidvait **Ivan Sammut,** Reġistratur Ġenerali tal-Bastimenti Merkantili u l-Baħħara u Chief Officer tal-Merchant Shipping Directorate li taħtu jaqa' d-dipartiment tekniku. Ix-xhud jgħid li r-rikorrenti kienu jaqgħu taħt ftehim kollettiv tal-UHM bejn l-2011 u l-2015, u meta skada mxew mal-GWU għall-ftehim il-ġdid. Wara sentejn negozjati, il-ħaddiema ħadu nomenklatura ġdida, allowances u performance bonuses ġodda, li kien soġġett għall-approvazzjoni tal-IRU. Ix-xhud jgħid li meta dawn l-impjegati saru jafu bil-kundizzjonijiet aktar vantaġġjużi tal-ftehim tal-UHM (gradi maniġerjali u professjonali), ressqu talba għall-istess żidiet b'azzjoni industrijali, tlett xhur biss wara li l-ftehim kollettiv tal-GWU kien ġie iffirmat.. Wara ftehim apparaneti, sfaxxa kollox kawża ta' xi diżgwit. Jinsisti illi l-awtorità ma ddiskriminatx bejn membri tal-unions għaliex in-natura tax-xogħol ġie kkunsidrat. Jindika wkoll li skont artikolu 42 tal-ftehim kollettiv tal-GWU jindika li ebda talbiet konnessi ġja negozjati ma jistgħu jitressqu wara li tali ftehim ġie ffirmat. Taħt kontro eżami ix-xhud jgħid li l-irwol prinċipali tal-port inspectors (GWU) kien li jaraw li vapuri reġistrati taħt il-bandiera Maltija jikkonformaw mal-istandards nazzjonali u internazzjonali. Il-managerial grades l-oħra (UHM) jieħdu ħsieb aspetti legali u reġistrazzjoni. Gradi maniġerjali jirrikjedu minimu ta' degree f'policy u management, filwaqt li l-ispetturi huma rregolati minn standards internazzjonali.

Taħt kontro eżami, ix-xhud jgħid li kien jokkupa l-kariga ta' Reġistratur Ġenerali fi ħdan id-direttorat tal-Bastimenti Merkantili u Chief Officer tad-direttorat. Ix-xhud

jgħid li fil-konsultazzjoni tal-ftehim kollettiv tal-GWU, ic-Chief Officer tal-istrateġija u coporate services kien iktar involut minnu, rigward ħinijet u flessibiltà, u li hu ma kienx involut mal-IRU. Mistoqsi dwar l-impjegati li kienu lkoll taħt il-ftehim kollettiv preċedenti tal-UHM, ix-xhud jgħid li dawk li mbagħad imxew għal taħt il-ftehim kollettiv tal-GWU tal-2017 ma kinux fl-istess grad bħal l-oħrajn u ġew ikkunsidrati bħala grad professjonali u nnegozjaw ftehim kollettiv għalihom sabiex jiddistingwu ruħhom mill-gradi maniġerjali, li huwa aktar amministrattiv, kontra l-grad professjonali tagħhom li huwa aktar tekniku, u spjega d-distinzjoni bejn l-irwoli infushom, u li anke għandhom MQF entry requirements distinti ferm. Ix-xhud jgħid li spiss l-impjegati tekniċi ikollhom joħorġu mill-uffiċċju iżda dejjem jiġu pprovduti b'vettura, li m'hijiex disponibbli għall-impjegati maniġerjali. Rigward l-użu tal-mobile, ix-xhud jgħid li hemm policy fejn impjegati jaqilbu l-landline tal-uffiċċju fuq il-mobile fiż-żmien tar-remote working urġenti fiż-żmien tal-pandemija, iżda illum il-ġurnata dawk li jieħdu l-communicaton allowance biss għandhom in-numru tagħhom jidher fuq l-address book taċ-ċivil, jiġifieri dan ma jinkludix lill-ispetturi. Ix-xhud jgħid li ma kienx involut f'li inqala' wara li saru d-diskussjonijiet mill-GWU wara li ħareġ il-ftehim kollettiv tal-UHM.

**Sintezi tas-Sottomissjonijiet**

Ir-rikorrenti ippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet fejn iddikjaraw illi dan huwa każ ibbażat fuq sezzjonijiet 26(1)(b), 26(2)(b) u 27 tal-Kap 452 li jirrigwardaw trattament diskriminatjorju fil-liġi, u dwar ħlas ugwali. Jiddikjaraw illi jirriżulta diskriminazzjoni meta l-ftehim kollettivi tal-GWU u tal-UHM jiġu mqabbla permezz ta' diskrepanza ċara kkonfemata anke mis-Senior Manager HR tal-awtorità intimata, u jinnotaw li qabel sar il-ftehim tal-GWU, ir-rikorrenti kienu jaqgħu taħt il-ftehim preċedenti tal-UHM taħt il-grad ta' Managers A u B.

Ir-rikorrenti jgħid li l-GWU iffirma l-ftehim kollettiv l-ewwel taħt gentleman's agreement bi ftehim mal-IRU li ma jkunx hemm sorpriżi fil-ftehim tal-UHM, li ġie ffirmat wara.

Jgħidu li l-ewwelnett id-diskriminazzjoni tidher fil-progression tal-gradi (fil-ftehim tal-GWU, jingħad li t-titli biss kellhom jinbidlu, iżda mhux il-gradi). Fejn qabel, il-progressjoni bejn il-gradi kienet tiddependi fuq jekk wieħed ikun aċċettat għall-

vacancy, taħt il-ftehim tal-UHM il-managers isiru eliġibbli awtomatikament wara ħames snin, u individwu taħt il-ftehim tal-GWU li jiġi trasferit fid-dipartiment tal-ftehim tal-UHM ikollu intitolament ta' progressjoni awtomatika. Jinnotaw ukoll li Managers B jeħtieġu biss O Level filwaqt li r-rikorrenti jeħtieġi minimu ta' baċellerat.

Ir-rikorrenti jinnotaw li ż-żieda fil-paga massima tat-Technical Superintendent and Safety Coordinator (Manager A) hi €39,000 u tal-Flag and Port State Control Inspector (Manager B) hija €35,000, dik tal-ftehim kollettiv tal-UHM hija €35,200.

Ir-rikorreni jgħidu li huma għandhom responsabbiltà għolja f'xogħlhom stante li jirrivolvi dwar standards tal-bandiera marittima Maltija, iżda l-ftehim kollettiv tal-GWU ma jikkontemplax responsibility allowance (u anzi kienet ġiet irrifjutata mill-IRD), filwaqt li dak tal-UHM jipprovdiha. Il-performance bonus allowance tal-Manager A baqgħet 5% u tal-Manager B 10%, filwaqt li taħt il-ftehim tal-UHM, saret 10% għal kulħadd, minkejja talbiet għal żidiet li kienu saru mill-GWU. Id-disturbance allowance sa massimu ta €15,000 ma ingħatatx lill-membri tal-GWU, filwaqt li ingħatat lil dawk tal-UHM. Transport u fuel subsistence allowance ma ingħatawx lill-membri tal-GWU iżda ingħataw lil tal-UHM, f'somma ta €2,500 fis-sena u mitt litru fuel fix-xahar. Ir-rikorrenti jindikaw li l-vettura tal-awtorità kienet trid tiġi rriżervata minn qabel, u jidher li hija disponibbli wkoll għall-ħaddiema li għandhom transport allowance. Il-membri tal-UHM jingħataw €70 għal kull lejl jew għal kull site duty li jkollhom, filwaqt li dawk tal-GWU ma jingħatawx dan. Communication allowances ma jingħatawx lill-membri tal-GWU minkejja li jużaw il-mobiles personali tagħhom fuq ix-xogħol iżda membri tal-UHM jeħduha, minkejja li għandhom mobile tax-xogħol. Membri tal-GWU lanqas ma ingħataw flessibiltà fil-ħinijet tax-xogħol u l-introduzzjoni tal-market corrector.

Jingħad illi l-prinċipju tal-pacta sunt servanda għandu jiġi skartat stante li huwa prinċipju elenkat f'ġurisprudenza illi l-liġijiet tal-impjieg jisbqu l-prinċipji ġenerali tal-liġi u tal-Kodiċi Ċivili, u f'dan il-każ kien hemm qerq mill-awtorità intimata. Jingħad ukoll li l-IRD lanqas approvat il-ftehim kollettiv tal-UHM, liema approvazzjoni hi neċessarja.

Ir-rikorrenti jikkonkludu li hemm bejn €8,700 u €9,200 f'diskrepanzi bejn il-membri tal-UHM u tal-GWU.

L-awtorità intimata issottomettiet nota ta' sottomissjonijet responsiva fejn tistqarr li r-rikorrenti allegaw diskriminazzjoni abbażi ta' allowances u performance bonus addizzjonali bejn il-ftehim kollettivi tal-GWU u tal-UHM, u jallegaw li dak tal-UHM huwa aktar vantaġġjuż, filwaqt li jallegaw ukoll li l-ftehim kolettiv tal-UHM sar mingħajr l-approvazzjoni tal-IRU.

L-awtorità intimata tinsisti illi l-punt tal-kwistjoni m'huwiex id-differenzi bejn il-pakketti finanzjarji iżda l-fatt li l-impjegati membri tal-UHM u r-rikorrenti ma jaqgħux taħt l-istess klassi ta' impjieg. L-awtorità intimata tisħaq illi ma kien hemm l-ebda trattament diskriminatorju tant illi l-ftehim kollettivi negozjati miż-żewġ unions ħadu in konsiderazzjoni t-tip ta' xogħol u responsabbiltajiet differenti għaliex il-unions kienu qed jirrappreżentaw żewġ klassijiet ta' impjegati. Intant l-awtorità intimata tgħid li kien Ivan Sammut li wieġeb taħt kontro eżami illi tant l-impjegati membri tal-GWU kienu klassi għalihom illi tqiesu bħala ħaddiema ta' grad professjonali minħabba n-natura tax-xogħol u intant ġie nnegozjat ftehim kollettiv għalihom mill-GWU, u kompla jgħid li tant l-irwoli huma differenti li jikkonsistu f'xogħol għalkollox distint u jinvolvu anke entry requirements differenti. L-awtorità intimata tkompli tgħid kif is-sur Sammut isemmi li r-rikorrenti mhumiex dovuti car allowance għaliex bħalma ammettew huma rarament jużaw il-vettura personali, u fuq kollox għandhom fuel allowance skont kemm isuqu kilometri meta jużaw vettura personali, u li rigward il-communication allowance, ħareġ biċ-ċar li n-numru personali tal-impjegati maniġerjali taħt il-UHM jużaw il-mobile personali fuq ix-xogħol anke mal-pubbliku.

**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Dwar il-progress tal-fatti jidher li hemm qbil miż-żewġ partijiet.

Għaldaqstant dan it-Tribunal sejjer biex janalizza dawn il-fatti fid-dawl tal-liġi. Primarjament, ir-rikorrenti jagħmlu referenza għall-artikolu 26(1)(b) tal-Kap 452, li jipprovdi s-segwenti: *"Ħadd ma jista', rigward impjegati li huma diġà fl-impieg tal-prinċipal, jassoġġetta dawk l-impjegati jew xi klassi ta' impjegati għal trattament diskriminatorju, fir-rigward ta' kondizzjonijiet ta' impieg jew tkeċċija.".* Jagħmlu referenza wkoll għall-artikolu 26(2)(b) tal-Kap 452, li jipprovdi s-segwenti: *"Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, trattament diskriminatorju jinkludi azzjonijiet li jgħoddu*

*għal impjegat, termini ta' ħlasijiet jew kondizzjonijiet ta' impieg li huma anqas favorevoli minn dawk li jgħoddu għal impjegat fl-istess xogħol jew xogħol ta' valur ugwali, abbażi ta' trattament diskriminatorju".*

Intant, ir-rikorrenti wkoll jagħmlu referenza għall-artikolu 27 tal-Kap 452, li jipprovdi s-segwenti: *"Impjegati fl-istess klassi ta' impieg għandhom id-dritt għall-istess rata ta' rimunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali: B'dan illi prinċipal u ħaddiem jew union ta' ħaddiema b'riżultat ta' negozjati għal ftehim kollettiv jistgħu jiftiehmu dwar skali ta' salarji, żidiet annwali u kundizzjonijiet ta' xogħol oħra differenti għal ħaddiema li jkunu impjegati fi żminijiet differenti, liema skali jkollhom massimu li jintlaħaq wara żmien stabbilit. B'dan ukoll illi kull distinzjoni bejn klassijiet ta' impieg ibbażata fuq trattament diskriminatorju mod ieħor milli skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi liġi oħra tkun nulla u bla effett".*

Ir-rikorrenti jibbażaw il-pretensjonijiet tagħhom abbażi ta' proviżjonijiet distinti minn xulxin għalkemm intrinsikament relatati, ossia dik tal-projbizzjoni ta' kwalunkwe diskriminazzjoni fl-impjieg u dik li tirrigwarda l-ħlas ugwali għal xogħol kumparabbli u ta' valur ugwali. Minkejja li dawn it-talbiet saru b'mod distint minn xulxin, dan it-Tribunal ma jistax ma janalizzax dawn iż-żewġ proviżjonijiet flimkien, għaliex filwaqt li jista' jsir eżami distint in prinċipju, minħabba li l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni titratta strettament il-prinċipju ta' ħlas ugwali, waħda ma tistax ma tkomplix mal-oħra.

Fl-ewwel lok, wieħed jinnota illi t-trattament diskriminatorju jista' jiġi invokat biss abbażi ta' waħda mill-karatteristi protetti imsemmija fil-liġi. Naturalment huwa faċli tikkonkludi illi, minkejja li r-rikorrenti ma għamlux referenza diretta għal tali karatteristiku protett fit-talbiet tagħhom, dak applikabbli huwa ta' 'sħubija fi trade union', fejn ir-rikorrenti jikkontendu illi kien hemm diskriminazzjoni fil-konfront ta' kif l-awtorità intimata ittrattathom, bħala membri tal-GWU, fil-konfront tal-kollegi membri tal-UHM.

It-Tribunal jinnota illi l-liġi tagħmel referenza għal diskriminazzjoni ibbażata fuq sħubija fi trade union u jirrimarka illi ż-żewġ klassijiet ta' impjegati kienu rappreżentati minn trade union. Hawn ma aħniex affaċċjat b'sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni bejn impjegat membru f'union u ieħor li ma huwiex membru f'union għaldaqstant it-Tribunal ma jarax li kien hemm diskriminazzjoni abbażi tal-artikoli 26 (1)(b) u 26 (2)(b).

Intant, l-artikolu 27 jipprovdi kategorija fundamentali illi trid tiġi sodisfatta f'analiżi ta' dan it-tip, b'dan illi l-impjegati li jallegaw li jimmertaw l-istess dħul ta' impjegati oħra iridu jkunu, fi kliem il-liġi *"fl-istess klassi ta' impieg"* u li jridu jkunu jwettqu *"xogħol ta' valur ugwali".* Dwar dan ma hemm l-ebda dubju x'ried ifisser il-leġislatur.

Jekk wieħed iħares lejn il-punt tat-tluq kemm tal-kwistjoni tar-rikorrenti kif ukoll tad-difiża tal-awtorità intimata, liema punt ċertament kien hemm qbil unanimu dwaru, huwa li r-rikorrenti bħala grupp ta' impjegati jemmnu mingħajr dubju illi huma jikkostitwixxu grad ta' impjegati ferm aktar tekniku mill-gradi maniġerjali, liema gradi huma kienu jifformaw parti minnhom sa qabel ma ġie konkluż il-ftehim kollettiv tal-GWU fl-2017. Filfatt, kienu l-istess rikorrenti li donnhom għamlu l-almu tagħhom sabiex jiftħu għajnejn dan it-Tribunal illi huma ħolqu kategorija speċjali li ma tistax tiġi ikkomparata mal-gradi maniġerjali eżistenti. Ir-rikorrenti għamlu punt li juru fix-xhieda tagħhom illi huma konxji li kienu jifformaw parti mill-gradi maniġerjali tal-awtorità intimata qabel l-2017, iżda ħassew li xogħolhom tant kien uniku, tekniku u ta' livell għoli ta' responsabbiltà, illi ma kienx ġust li huma jibqgħu ikkunsidrati fl-istess ambitu tal-managers l-oħra. Tant hu hekk, minkejja li qabel l-2017 kienu jaqgħu taħt ftehim kollettiv singolu mal-managers l-oħra, kienu huma stess li fasslu triq għalihom infushom u ssieħbu ma' union differenti minn dak tal-managers għaliex ħassew li kellhom jiġu ittrattati b'mod oltre mit-trattament tal-managers kollha, abbażi tar-raġuni speċifika li l-irwoli tagħhom huma pjenament distinti minn tal-managers.

B'dan it-tir f'moħħhom, ir-rikorrenti, u skont kif huma stess jirrilevaw b'tant qawwa, waslu għall-konklużjoni illi jieħdu nomenklatura individwali u unika li tiddistingwihom, u fasslu ftehim kollettiv separat minn dak tal-managers l-oħra taħt il-gwida ta' union differenti wkoll. Huwa għal dawn ir-raġunijiet kollha illi dan it-Tribunal qiegħed isibha bi tqila illi jifhem kif ir-rikorrenti qegħdin jittantaw jibbażaw il-pretensjonijiet tagħhom fuq l-artikolu 27 tal-Kap 452 meta huma stess qegħdin jinnegaw l-istess kontenut ta' tali proviżjoni, permezz tal-enfasi illi kontinwament jagħmlu, liema enfasi naturalment ma ġiex negat iżda anzi ikkonfermat u enfasizzat mill-awtorità intimata, dwar il-fatt illi minkejja li *kienu* jitqiesu managers, huma m'humiex managers u riedu li jieħdu nomenklatura u kundizzjonijiet oltre minn dawk tal-managers. B'hekk l-argument tal-ħlas ugwali għal xogħol ta' valur ugwali fir-rigward tar-rikorrenti vis-a-vis il-managers ma jreġix għaliex dan it-Tribunal bl-ebda mod ma jista' jikkonkludi illi ż-żewġ gruppi jaqgħu taħt l-istess klassi ta' impjieg

meta kienu huma stess li għamlu tant enfasi illi huma distinti u b'hekk, b'konklużjoni naturali, m'humiex fl-istess klassi ta' impjieg.

Di fatto, fix-xhieda tiegħu Charles (Carmelo) Vella jinnota illi bid-diskrepanzi tal-allowances provduti bejn iż-żewġ ftehim kollettivi, ir-rikorrenti m'għadx jaqblilhom iġorru l-piż ta' responsabbiltà tant għolja meta managers qegħdin igawdu minn remunerazzjoni tant aħjar minnhom taħt il-ftehim kollettiv tal-UHM. Filwaqt li in prinċipju ix-xhud għandu raġun, din l-istess sottomissjoni tkompli tikkonferma lil dan it-Tribunal kemm ix-xogħol taż-żewġ gruppi huwa totalment differenti u ma jistax jiġi mqabbel, għaliex hija s-sinteżi kontinwa tar-rikorrenti illi huma għandhom iżjed responsabbiltà mill-managers l-oħra.

**Deċiżjoni**

Wara li sema' x-xhieda, ra l-provi dokumentarji prodotti, u eżamina l-każ dan it-Tribunal jiddeċiedi li jiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti għaliex m'għandux jagħti raġun lir-rikorrenti abbażi tal-artikolu 26(1)(b) u 26(2)(b) u tal-artikolu 27 tal-Kap 452 għaliex ma hemm l-ebda dubju minn dak li ġie rrilevat f'din il-kwistjoni illi r-rikorrenti ċertament ma jaqgħux taħt l-istess klassi ta' impjieg bħall-Managers, liema distinzjoni inġiebet direttament b'azzjonijiet tagħhom stess.

Għall-finijiet ta' Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**Avukat Charmaine Cristiano Grech LL.D.**
**Chairperson**